

Anness I

**Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-varjazzjoni għat-termini tal-Awtorizzazzjoni(jiet)
għat-Tqegħid fis-Suq**

Konklużjonijiet xjentifiċi

Meta jiġi kkunsidrat ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-PRAC dwar il-PSUR(s) għal paroxetine, il-konklużjonijiet xjentifiċi huma kif ġej:

Minħabba d-*data* disponibbli dwar lewkopenija minn prova(i) klinika(ċi), il-letteratura medika, rapporti spontanji u *de-challenge* u/jew *re-challenge* pożittiv, l-Istat Membru Prinċipali jqis li relazzjoni kawżali bejn paroxetine u lewkopenija hija mill-inqas possibbiltà raġonevoli. Il-PRAC ikkonkluda li l-informazzjoni dwar il-prodott ta' prodotti li fihom paroxetine għandha tiġi emendata biex tirrifletti dan.

Wara li ġiet evalwata r-rakkomandazzjoni tal-PRAC, is-CMDh jaqbel mal-PRAC dwar il-konklużjonijiet u r-raġunijiet inġenerali għar-rakkomandazzjoni.

Raġunijiet għall-varjazzjoni għat-termini tal-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fis-suq

Abbażi tal-konklużjonijiet xjentifiċi għal paroxetine is-CMDh huwa tal-fehma li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott(i) mediċinali li fih/fihom paroxetine mhuwiex mibdul suġġett għall-bidliet proposti għall-informazzjoni tal-prodott.

Is-CHMP jirrakkomanda li t-termini għall-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fis-suq għandhom ikunu varjati.

Anness II

**Emendi għall-informazzjoni dwar il-prodott tal-prodott(i) mediċinali awtorizzat(i) fuq
livell nazzjonali**

Emendi li għandhom ikunu inklużi fis-sezzjonijiet rilevanti tal-Infommazzjoni dwar il-Prodott (test għdid sottolinjati u b'tipa grassa, it-test imħassar huwa ~~ingassat~~)

Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott

- Sezzjoni 4.8

Ir-reazzjoni(jiet) avversa(i) li għejja(in) għandha(hom) tiżdied(jiżdiedu) taħt I-SOC Disturbi tad-demm u tas-sistema limfatika b'frekwenza Mhux Komuni:

Lewkopenija

Fuljett ta' Tagħrif

- PIL sezzjoni 4:

Effetti sekondarji possibbli oħra waqt it-trattament

Mhux komuni

Tnaqqis fl-għadd taċ-ċelluli bojod tad-demm

Anness III

Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' din il-pożizzjoni

Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' din il-pożizzjoni

Adozzjoni tal-pożizzjoni tas-CMDh:	Laqgħa tas-CMDh Settembru 2023
Trażmissjoni lill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tat-traduzzjonijiet tal-annessi għall-pożizzjoni:	29 Ottubru 2023
Implimentazzjoni tal-pożizzjoni mill-Istati Membri (sottomissjoni tal-varjazzjoni mid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq):	28 Diċembru 2023